**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 311/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Catania**

Illum, 6 ta Novembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Catania detentur tal-karta ta' l-identita' numru 213951M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fuq talba tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, akkuzat talli fil-kapacita' tieghu personali u/jew bhala klijent li ghalih qieghed isir xoghol f'83, Church Street, Msida nhar it-22 ta' Settembru, 2016, matul il-gurnata u/jew fil-granet ta' qabel naqas milli jahtar supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan ai termini tal-artikolu 3(1) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Gunju, 2017 fejn il-Qorti wara li

rat l-artikolu 3(1) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29) tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-prosekuzzjoni u kkundannatu ghal-multa ta' hames mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Catania minnu pprezentat fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu dik ta' hames mitt ewro (€500) u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza u tilliberah minnha.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti qieghed jissottometti illi veru beda' jtella l-iscaffolding mal-faccata tad-dar tieghu bl-iskop li jirranga l-faccata, pero' meta l-ufficjali tal-Health and Safety Authority mar fuq il-post tax-xoghol u ra l-iscaffolding jigi armat mar jilmenta mal-esponenti li l-iscaffolding huwa armat hazin u li kellu bzonn diversi affarjiet ohra jekk kien ser jibda' x-xoghol mal-faccata fosthom permess mill-Mepa u supervisor. Hekk kif l-esponenti induna b'dan id-dettall u komplikazzjoni immedjatament waqaf milli jkompli jtella l-iscaffolding anzi zarmah u ma ghamel ebda xoghol fuq il-faccata u biddel fehmtu.

   Illi qieghed jigi sottomess li l-esponenti ma ghamel ebda xoghol fuq il-faccata u ghalhekk il-fatt li ma lahaq ingagga supervisor l-akkuza ma tregiex ghax l-irwol tas-supervisor ma kienx hemm bzonn kemm ghax ix-xoghol ma bediex kemm minhabba l-fatt li hekk kif kien qieghed jarma l-iscaffolding nehhieh immedjatament qabel ma kien lest u armat.

Illi l-esponenti ma giex akkuzat li l-iscaffolding gie armat hazin imma talli ma kellux supervisor pero' ghandu jinghad illi ma kienx wasal fl-istadju tal-bzonn ta' supervisor ghax l-ebda xoghol ma kien beda u lanqas ma kellu permess mill-MEPA.

B'hekk qieghed jinghad illi l-anqas bidu ta' reat ma sar anzi ma sar ebda reat u ksur tal-ligi fuq l-akkuza li l-esponenti huwa akkuzat bih.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-ritratti esebiti a fol 4 u 5 tal-atti fejn hemm skip mimli u parti mghottija b'incirata , hemm incirata hadra imdendla mal-faccata ta' residenza u quddiem din l-istess residenza hemm scaffolding tal-hadid armat.

Rat l-istop order mahruga minn Charlie Farrugia fil-kariga tieghu ta Principal OHSA officer datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016).

Rat ukoll l-email li giet mibghuta lill-appellant nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Setttembru tas-sena elfejn u sittax (2016) minn Charlie Farrugia tal-OHSA fejn gie mitlub sabiex jiddesisti minnufih milli jaghmel xi xoghol fil-propjeta' 83, Church street, Msida salv dawk ix-xogholijiet li huma remedjali. In oltre gie mitlub sabiex

jappunta '*Project Manager for the Design Stage and Project Supervisors for the Execution Stage as per LN 281 of 2004*' u sabiex jipprezenta kopja tal-kuntratt tal-art bhala *proof of ownership*;

Ikkunsidrat,

Semghet lil **Perit Charles Farrugia**, Principal fl-OHSA jixhed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u jghid li nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ghal habta tal-ħdax u kwart (11.15 am) kien ghamel spezzjoni gewwa il-fond 83 Triq il-Knisja, Msida u dan wara li l-gurnata ta' qabel l-Awtorita kienet irceviet rapport dwar xi xoghol bi prattika hazina li kienet qed issir gewwa dan l-istess indirizz. Fil-fatt jghid li min ghamel ir-rapport kien baghtilhom ritratt.

Ix-xhud spejga illi r-rapport gie ghandhom tramite rapport li sar fuq il-facebook tal-Awtorita. Ir-ritratt intbaghat mar-rapport fejn kien jidher persuna ta' gilda skura qieghda fuq *scaffolding* li kien armat b'mod perikoluz u ovvjament ghal perikolu ta' hajtu. L-ghada jigifieri fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru mar fuq il-post fejn Anthony Catania kien hemm u avvicinah u qallu li dak l-*iscaffolding* kien armat quddiem il-proprjeta' tieghu u li kien talab persuna biex jitla' hemm fuq sabiex jasistih fix-xogholijiet.

Mistoqsi jekk dan Catania qallux jekk din il-persuna kienx qabbadha hu biex tghamel ix-xoghol jghid li iva kien qabbadha biex tassistih. Huwa spjegalu li l-*iscafollding* ma kienx armat bi prattici tajbin tal-kostruzzjoni u li kellu l-obbligu li qabel ma jibda ix-xogholijiet iqabbad *project supervisor* fl-istadju tad-disinn u tal-kostruzzjoni. Fil-fatt meta staqsih jekk kienx qabbad persuna bhala *project supervisor* wiegeb fin-negattiv. Gie innotat ukoll li fil-vicinanzi kien hemm *scaffolding*, materjal ta' kostruzzjoni u gewwa l-

fond tieghu kien hemm evidenti li kien qed isir xoghol ta' renovar u kostruzzjoni. Jghid li dan kollu huwa sekondat b'ritratti li huwa esebixxa quddiem l-Ewwel Qorti.

Mistoqsi jekk ix-xoghol kienx qed isir go dar residenzjali jew ghal skop kummercjali jghid li ma jafx. Mistoqsi min kien ser jaghmel ix-xoghol jekk kienx staqsa jghid li huwa illimita id-domandi tieghu fuq ir-ritratt li kellu f'idu. Qal li pero Catania ikkonfermalu li ma kienx hu fir-ritratt izda li kien qabbad persuna ohra u kien dak il-hin li skatta l-obbligu ta' xoghol bil-ligijiet kolha ta' sahha u sigurta.

Mistoqsi jispjega d-dokument a fol. 3 jghid li wara li kien spjega lis-sur Catania x'inhuma l-obbligi tieghu skond il-ligi huwa kien gharrafhom li ma kienx ser ikompli bix-xoghol ghaliex kien biddel fehmtu u ghalhekk avzawh li gjaladarba huwa kien ser jieqaf minn dawk ix-xogholijiet, l-ordni taghhom tkun frizata sakemm jerga jiddecidi li jerga ikompli bix-xogholijiet.

Muri r-ritratti a fol 4 jikkonferma li dawk gew mehuda minnu u gew esebiti minnu quddiem l-Ewwel Qorti. Spjega li f'dawn ir-ritratti qed tidher l-iskip bil-materjal tal-kostruzzjoni, *scaffolding*, armat mhux kif suppost u jidher il-fond fejn kien qed jesegwixxi ix-xogholijiet.

Id-dokument a fol. 5 hija ir-risposta li kien baghat l-appellant lill-Awtorita fejn kien irringrazzja lill-ufficcjal ghal fatt li kien gibidlu l-attenzjoni ghan-nuqqasijiet tieghu u infurmahom li kien ser igibilhom kopja tal-kuntratt ta' l-art kif kien gie mitlub.

Huwa kkonferma li l-appellant huwa il-persuna li kellem dak in-nhar tal-ispezzjoni. Jghid li originarjament ir-rapport dahal fuq l-*iscaffolding* izda huma kelmuh fuq kollox. Jghid li l-*concern* tieghu kienet sabiex wiehed ikun konformi mal-ligi. Mistoqsi jekk rax xogholijiet mal-faccata jghid li dakinhar li mar fuq il-post l-iscaffolding kien mghotti

b'xibka u ma setax jara jekk kienx hemm xoghlijiet ghaddejjin. Jghid li gjalardarba l-iscafollding kien mghotti xoghol mal-faccata ma rax.

L-appellant **Anthony Catania** xehed minn jeddu u b'mod volontarju fis-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016). Dan spjega li kien rama *scaffolding* u kienu marru zewg ufficcjali u qalulu li mhux sura ta' nies. Nizel minnu, nehha kollox u cempel lil tal-iscffolding biex imur ghalih u qallu li ma kienx qieghed sewwa kif kien. Huwa qallu li kien ser jirraportah lis-superjur taghhom, hadulu l-*particulars* kollha talbuh biex igibilhom il-kuntratt biex jivverifikaw li huwa il- proprjetarju tad-dar u baghtilhom kollox.

Wara jaf li ircieva email fejn irceiva *stop notice* u gie mgharraf li jekk irid jghamel xi xoghol kellu jappunta *supervisor*.

Mistqosi jekk meta kien fuq il-lant tax-xoghol l-ufficcjal qallux xi diskors fuq is-*supervisor* jghid li le. Qallu biss li l-i*scafollding* kien perikoluz u huwa nehhih dak il-hin u irringrazzjahom.

Dwar l-iscaffolding l-ufficjal qallu jekk kienx hu li baghat lil persuna murija fir-ritratt u jghid li huwa jibza mill-gholi u tahtu kien hemm hanut ta' nies b'karnaggjon skura u talab lil xi persuna li kien hemm biex iwahhallu l-incirata u itih pakkett sigarett u hekk ghamel. Cahad li qatt qal lis-sur Farrugia li ma kienx qabbad *supervisor*, jghid li qatt ma kellmu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Illi l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (OHSA) ircevew ilment fuq il-pagna taghhom ta' Facebook dwar xoghol bi prattika hazina li kien qed isir gewwa l-indirizz 83, Triq il-Knisja, Msida fejn kien anke intbghat ritratt li juri persuna ta' karnaggjon skura fuq l-iscaffolding armat b'mod perikoluz u ta' periklu ghal hajtu;

2. L-ghada fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ufficjal tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (OHSA) mar fuq il-post fejn gie avvicinat mill-appellant li nfurmah li l-iscaffolding kien armat quddiem il-proprjeta' tieghu;

3. L-ufficjal tal-OHSA jghid li l-appellant qallu li kien talab persuna biex jassistieh fix-xoghlijiet filwaqt li l-appellant fix-xhieda tieghi jghid li qabbad persuna ta' karnaggjon skura minn hanut biex jitla jpoggi incirata u l-appellant jaghtih pakkett sigaretti;

4. L-ufficjal tal-OHSA jghid li kien staqsa lilll-appellant jekk qabbadx supervisor tal-progett u jghid li wiegeb fin-negattiv filwaqt li l-appellant fix-xhieda tieghu jghid li qatt ma gie mistoqsi jekk qabbadx supervisor tal-progett;

5. Fl-istess gurnata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) intbghatet stop order permezz ta' ittra elettronika lill-appellant;

6. Ghal liema stop order, l-appellant kien wiegeb billi rringrazzja lil ufficjali li spjegawlu l-periklu, infurmahom li kien nehha kollox u li kien ser jibghat il-kuntratt tad-dar;

7. Ufficjal tal-OHSA baghat ittra datata d-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn saret referenza ghall-istop order mahruga fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn fost affarijiet ohra gie stabbilit li l-istop order kellha tibqa' in vigore u li l-ebda xoghlijiet ma setghu jitkomplew. In oltre

gie infurmat li f'kaz li l-appellant ried jaghmel xoghlijiet fil-futur kellu jaderixxi ma punt wiehed (1) u tnejn (2) tal-istop notice tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) bit-tieni punt jirreferi li ghandhom jigu mahtura '*Project Supervisor for the Design Stage and Project Supervisors for the Execution Stage as per LN 281 of 2004*'.

8. Sussegwentement inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-appellant;

9. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontrih u kkundannatu multa ta' hames mitt ewro (€500);

10. Fil-mori tal-appell u ghalhekk qabel ma nghatat din id-decizjoni, l-ligi li fuqha l-appellant kien instab hati mill-Ewwel Qorti giet imhassra.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fl-appell tieghu jissottometti li ghalkemm huwa minnu li beda jtella l-iscaffolding mal-faccata tad-dar tieghu bl-iskop li jirranga l-faccata, pero' wara li l-ufficjali tal-OHSA marru fuq il-post u qalulu li l-iscaffolding kien armat hazin u li kellu bzonn diversi affarijiet ohra jekk kien ser jibda x-xoghol fosthom permess mal-MEPA illum l-Awtorita' tal-Ippjanar u supervisor, l-appellant jghid li hekk kif induna b'dan id-dettall u kumplikazzjoni, immedjatament waqaf milli jkompli jtella l-iscaffolding anzi zarmah u ma ghamel ebda xoghol fuq il-faccata u biddel fehmtu.

L-appellant jissottometti li ma ghamel ebda xoghol fuq il-faccata u ghalhekk il-fatt li ma lahaqx ingagga supervisor, l-akkuza ma treggix ghax ir-rwol ta' supervisor ma kienx hemm bzonn kemm ghax ix-xoghol ma bediex u anke minhabba li kif kien qieghed jarma l-iscaffolding nehhieh immedjatament qabel ma kien lest u armat. Jghid li ma kienx wasal fl-istadju tal-bzonn ta' supervisor ghax l-ebda xoghol ma kien beda u lanqas

ma kellu permess mill-MEPA illum l-Awtorita' tal-Ippjanar. Jghid li lanqas bidu ta' reat ma sar u ma sar ebda reat u ksur tal-ligi fuq l-akkuza li l-appellant gie akkuzat biha.

Din il-Qorti tibda billi tikkunsidra li f'Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) dahal fis-sehh l-Avviz Legali 88 tal-2018 li hassar l-Avviz legali 281 tal-2004 li fuqu instabet htija mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghar-regolament 17 tal-Avviz Legali 88 tal-2018 li jipprovdi li '*Ir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) għandhom jiġu revokati fid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti*'. Ghalhekk meta fl-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) dahlu fis-sehh ir-Regolamenti dwar il-post tax-Xoghol (Bzonnijiet minimi tas-sahha u s-Sigurta' tax-Xoghol f'siti ta' kostruzzjoni), il-legislazzjoni sussidjarja 424.29 giet imhassra, bhal kif gie ghalhekk imhassar ukoll l-Avviz Legali 281 tal-2004.

Fil-kaz in ezami, l-akkuza tirrisali ghat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) meta ghalhekk L-Avviz Legali 281 tal-2004 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 424.29 kienu ghadhom fis-sehh u ghalhekk il-prosekuzzjoni u d-difiza setghu itellghu provi fl-ambitu ta' dak li l-ligi dak iz-zmien kienet tipprovdi u naturalment ma setghux iressqu provi f'ambitu ta' ligi ossia l-Legislazzjoni Sussidjarja 424.36 (L-Avviz Legali 88 tal-2018) li ma kinitx tezisti. Din il-Qorti izda tenut kont tal-fatt li kif ikkunsidrat, il-ligi jew ligijiet ossia l-Avviz Legali 281 tal-2004 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 424.29 li fuqhom l-Ewwel Qorti sabet htija gew imhassra fil-mori tal-appell, ma tistax tiddeciedi abbazi ta' ligi li ghalkemm kienet fis-sehh meta allegatament sehh ir-reat ma ghadiex fis-sehh fid-data tal-lum meta qieghda tinghata din id-decizjoni. Ghal din ir-raguni, din il-Qorti sejra tevalwa jekk fil-parametri ta' din il-ligi l-gdida ossia l-Avviz Legali 88 tal-2018 kif anke inkorporat fil-Legislazzjoni Sussidjarja 424.36, l-appellant setghax jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Tajjeb li jinghad li fid-data li ghaliha l-akkuzi jirrisalu, l-Avviz legali 281 tal-2004 kien jistabilixxi kjarament li l-klijent kien fid-dmir li jahtar ghal kull progett, supervisor tal-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni. Biss pero', l-Avviz Legali 88 tal-2018 gab bidliet sostanzjali, inkluz bdil fir-regolamenti rigwardanti l-hatra ta' supervisor tal-progett. Fost numru ta' tibdiliet, bidla sostanzjali ddahhlet permezz tar-regolament 3(5) tal-Avviz Legali 88 tal-2018 li jiprovdi li:

'*Ħlief fejn provdut fir-regolament 4, meta l-klijent jonqos milli jaħtar supervisor tal-proġett, il-klijent ipso facto titqies li tkun is-supervisor tal-proġett għall-għan ta' dawn ir-regolamenti.*'

Ghalhekk permezz ta' dan ir-regolament gie stabbilit li fejn ma jkunx inhatar supervisor tal-progett hlief fejn ser jigi kkunsidrat ma jehtieg li jinhatar supervisor ta' progett taht ir-regolament 4, il-klijent jigi *ipso facto* u ghalhekk awtomatikament meqjus bhala s-supervisor tal-progett u ghalhekk bl-obbligi kollha li din il-kariga ggib maghha.

Ir-regolament 4 tal-Avviz Legali 88 tal-2018 umbghad jistabilixxi li:

'*Fejn il-klijent huwa klijent domestiku, regolament 3 m'għandux japplika jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:*

*(a) il-proġett ma jeħtieġx avviż minn qabel skont is-subregolament (3) tar-regolament 5;*

*(b) se jkun preżenti kuntrattur wieħed biss għall-proġett kollu; u*

*(ċ) ix-xogħol ma jinvolvi ebda riskji partikolari kif elenkati fi Skeda II.*'

F'dan ir-rigward issir referenza ghar-regolament 5(3) li jipprovdi li:

'*Fil-każ ta' sit ta' kostruzzjoni fuq liema, xogħol huwa ppjanat li jdum aktar minn 30 jum tax-xogħol u fuq liema aktarminn 20 ħaddiem jaħdmu simultanjament, jew li l-volum tax-xogħol huwa skedat li jeċċedi l-500 person-days, is-supevisor tal-proġett għandu jikkomunika notifika minn qabel mfassla skond l-Skeda III lill-Awtorità mill-inqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma*

*jibda x-xogħol fuq il-proġett. Ladarba tibda kull attività ta' xogħol fuq il-proġett, kopja tal-avviż minn qabel għandha tkun murija b'mod ċar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk neċessarju, tkun aġġornata perjodikament.*'

Filwaqt li l-Skeda II tiprovdi lista mhux ezawrjenti ta' xoghol li jinvolvi riskji partikolari ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema. Ghalhekk taht din il-ligi l-gdida, jekk il-kliejt ikun domestiku u jekk jigu sodisfatti il-kondizzjonijiet fir-regolament 4, ir-regolament 3 li jirrigwarda wkoll il-hatra ta' supervisor fuq progett ma japplikax.

Ikkunsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti gew prezentati ritratti li jinsabu a fol 4 u 5 tal-process fejn jidhru kemm skip mimli b'parti minnu motti kif ukoll skafolding b'parti minnu moghti b'incirata hadra. A fol 5 apparti li f'ritratt minnhom jidher parti mill-iscafollding, fir-ritratt l-iehor jidher scafollding quddiem bieb miftuh li fuq gewwa tidher bhal struttura tal-hadid. Mad-daqqa t'ghajn, huwa evidenti li l-iscaffolding huwa wiehed perikoluz tant li parti minnu jinsab fit-triq jistrieh fuq zewg bricks, wahda fuq kull naha. Madankollu, l-akkuza li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti ma kinitx dwar il-perikolozita' o meno ta' din l-istruttura izda n-nuqqas ta' hatra ta' supervisors tal-progett f'zewg stadji tal-progett, ossia fid-disinn u fil-kostruzzjoni.

Ir-ritratti li gew esebiti juru faccata ta' dak li skont din il-Qorti jista' jaghti l-kaz li hija residenza. Fuq mistoqsija tal-Qorti lil Perit Charles Farrugia li xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) '*U dan kien for residence purpose hux hekk? Ma kienetx commercial site hux hekk?*' wiegeb '*Nghidlek il-verita' ma staqsejtx jekk kienetx ir-residenza proprja tieghu jew jekk hux ghal skopijiet ta' kirjiet kummercjali.*' L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li '*veru beda jtella l-iscaffolding mal-faccata tad-dar tieghu bl-iskop li jirranga l-faccata...*' filwaqt li fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-unika referenza ghal 'dar' huwa

meta jghid '*Baghtuli b'email, ghax haduli l-particulars kollha, biex ingibilhom il-kuntratt biex ikunu jafu jekk jiena hux il-proprjetarju ta' din id-dar u bghattilhom kollox*.'

Din il-Qorti tikkunsidra li fid-data ghal meta tirrisali l-akkuza, ma kienx hemm il-htiega li tingieb il-prova jew li jigi stabbilit jekk il-klijent huwiex wiehed domestiku o meno peress li l-ligi dak iz-zmien ma kinitx taghmel distinzjoni. F'dan il-kaz partikolari lanqas ma ngabet il-prova li l-progett kien wiehed li kien jehtieg Avviz bil-quddiem kif stabbilit fir-regolament 5(3) tal-Avviz Legali 88 tal-2018 jew li hemm riskji li jaqghu taht l-iskeda II li tinkludi lista mhux ezawrjenti ta' xoghol li jinvolvi riskji partikolari ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema, fosthom:

*1. Xogħol li jpoġġi lill-ħaddiema f'periklu li jintradmu taħt tiġrif, li jinbelgħu f'art mistagħdra jew li jaqgħu mill-għoli fejn ir-riskju jkun partikolarment aggravat min-natura tax-xogħol jew mill-proċessi wżati jew mill-ambjent fuq il-post jew sit tax-xogħol.*

Tant li ghalkemm mir-ritratti li gew prezentati mill-prosekuzzjoni, jidher scaffolding u li allura jezisti l-periklu ta' waqa' mill-gholi, ma giex stabbilit jekk dan ir-riskju huwiex '*partikolarment aggravat min-natura tax-xoghol jew mill-proċessi wzati jew mill-ambjent fuq il-post jew sit tax-xogħol.*'

Ikkunsidrat;

Ir-regolament 15 jiprovdi wkoll li '*F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta ' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun*

*sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Vs Raymund Zammit Silvana Zammit'**[1]:

'*Huwa minnu illi r-regolament 12*[2] *jitfa' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat izda dan l-oneru huwa dwar xi nuqqas ta' xi harsien ta' xi dmir jew rekwizit tar-regolamenti. Ma huwiex korrett li l-prosekuzzjoni tistenna lill-imputat iressaq hu l- provi indispensabbli ghal-process bhal dan. Kien jispetta lill- prosekuzzjoni illi tipprova li fid-data in kwistjoni kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni, minghajr ma qabel kien mahtur supervisor u minghajr ma kien sottomess pjan ta' sahha u sigurta' u dan mill- klijent. F'dan il-kaz il-klijent kien Ta' Dwardu Limited u ghalhekk fil- minimu kien mehtieg li jkun pruvat illi l-appellati huma persuni li ghandhom f'idejhom it-tmexxija ta' tali socjeta. Minn hemm 'l quddiem l-oneru tal-prova jitrasferixxi ruhu fuq l-appellati izda il- prova tad-direttorat taghhom baqghet ma saritx. Dan l-aggravju ma jistghax ikun milqugh*'.

Illi ghalhekk filwaqt li taht ir-regolamenti, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-akkuzat sabiex juri li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx ragonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwizit, l-oneru tal-prova biex jitressqu provi elimentari fosthom li kienu ghaddejin ix-xoghlijiet, li gew mahtura haddiema, li l-progett ma kienx domestiku, li l-progett kien tali li jirrikjedi avviz taht ir-regolament 5(3) jew li jinvolvi riskju jew riskji partikolari kif elenkat fl-Iskeda II jibqa' fuq il-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorament;

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Ottubru, 2016 (Appell Numru: 206/2014)

[2] Dak iz-zmien b'referenza ghall-Avviz Legali 281 tal-2004

Illi in oltre, fil-kaz in ezami, jirrizulta wkoll li ma ngabitx prova sufficenti li kienu ghaddejin xi xoghlijiet u lanqas li kien gie mqabbad jew gew imqabbda haddiema. L-appellant jghid li x-xoghlijiet ma bdewx u li kif gie mitkellem mill-ufficjal tal-OHSA biddel fehmtu u ddecieda li jnehhi l-iscaffolding u ma ghamel l-ebda xoghol. Minkejja li l-Perit Charles Farrugia fix-xhieda tieghu ta' quddiem din il-Qorti moghtija nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li l-ilment gie intavolat tramite l-pagna ta' facebook fejn '*Ir-ritratt intbaghat mar-rapport fejn kien qed jidher persuna ta' gilda skura qieghed fuq scaffolding li kien armat b'mod perikoluz u ovvjament ta' periklu ghal hajtu.*', dan ir-ritratt baqa' ma giex prezentat quddiem il-Qorti. Liema ritratt setgha jaghti indikazzjoni aktar cara dwar jekk effettivament kienx beda x-xoghol u ghalhekk jekk kienux gew ingaggati haddiema fis-sit in kwistjoni. Tant li minn-naha l-ohra, l-appellant xehed li '*Kien hemm hanut ta' karangjon skur u dejjem naghtihom xi sigarett jew dan, u ghedtlu, "naghtik pakkett jew twahhalli c-carruta l-hadra," biex ma taghmilx il-foga.*' Din il-Qorti temfasizza, li r-regolamenti japplikaw ghall-Post tax-Xoghol u ghalhekk kien jehtieg li tingieb prova li kienu gew mahtura persuni biex jahdmu fis-sit in kwistjoni u li kienu ghaddejin xi xoghlijiet.

Kif ikkunsidrat, illum il-gurnata permezz tal-Avviz Legali 88 tal-2018 kif anke implimentat fil-legislazzjoni sussidjarja 424.36 minkejja li fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm prova li l-progett ma kienx wiehed domestiku u li ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet fir-regolament 4 tal-Avviz Legali 88 tal-2018, anke jekk kellu jigi kkunsidrat li l-progett ma kienx wiehed domestiku u/jew l-kundizzjonijiet taht ir-regolament 4 ma gewx sodisfatti u li allura kien mehtieg li jigu mahtura supervisors tal-progett, l-appellant kien *ipso facto* jigi meqjus bhala supervisor fin-nuqqas ta' dawm il-hatriet. Ghaldaqstant, din il-Qorti bil-ligi kif inhi prezentament ma tistax issib htija tal-akkuzi migjuba kontra l-appellant.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kemm fil-htija kif ukoll fil-piena u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Vera kopja

Franklin Calleja

Deptuat Registratur